**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**SEDUTA NRU 245**

It-Tlieta, 11 ta' Ġunju 2024

Il-Kamra tad-Deputati ltaqgħet fis-Sala tal-Parlament, il-Belt Valletta fl-4.01 p.m.

L-Ispeaker l-Onor. Anġlu Farrugia ppreseda.

**PREŻENTI**

Il-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal l-Onor. Michael Falzon, il-Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat l-Onor. Julia Farrugia Portelli u kienu msiefra fuq xogħol tal-Gvern.

Il-Ministru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u Proġetti Strateġiċi l-Onor. Silvio Schembri, il-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva l-Onor. Jo Etienne Abela, l-Onor. Alex Borg, l-Onor. Rebekah Borg, l-Onor. Eve Borg Bonello, l-Onor. Abigail Camilleri u l-Onor. Chris Said kienu skużati.

L-Onor. Aaron Farrugia kien assenti.

**TALBA**

L-Iskrivan tal-Kamra qalet it-talba.

**MINUTI**

Il-Minuti tas-Seduta Nru 244 li saret fl-10 ta' Ġunju 2024 kienu kkonfermati.

**INFORMAZZJONI MIS-SEDJA**

L-Ispeaker qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 3823 Rapport tal-parteċipazzjoni tal-Onor. Chris Said f'delegazzjoni tal-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa (PACE) maħtura biex tosserva l-elezzjonijiet parlamentari u t-tieni round ta' elezzjonijiet presidenzjali fil-Maċedonja ta' Fuq li saru bejn l-24 ta' April u t-8 ta' Mejju 2024.

**MISTOQSIJIET**

Mistoqsijiet ġew magħmula u mogħtija tweġiba orali.

Bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 17934, il-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali l-Onor Anton Refalo, f'isem il-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 3824 Tabella li turi tagħrif dwar in-nefqa f'reklami fuq online portals mid-dekasteru li għalih hu responsabbli l-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal għas-snin 2023 – 2024; u

bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 17935, il-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 3825 Tabella li turi tagħrif dwar in-nefqa f'reklami fuq online portals mid-dekasteru li għalih hu responsabbli l-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali fil-perjodu bejn Marzu u April 2024.

Fl-4.31 p.m. l-aħħar mistoqsija kienet numru 17935 u l-mistoqsijiet l-oħra kollha li dehru fuq l-aġenda ngħataw tweġiba bil miktub.

## TQEGĦID TA' KARTI

Il-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, u x-Xogħol, l-Onor. Byron Camilleri, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 3826 Tagħrif dwar in-numru ta' serqiet irrapportati maqsuma għal kull lokalità f'Malta u Għawdex għas-sena 2023, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 19455;

f'isem il-Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 3827 Tabella li turi tagħrif dwar in-nefqa f'reklami fuq online portals mid-dekasteru li għalih hu responsabbli l-Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli fi Frar 2024, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 17936;

f'isem il-Ministru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u Proġetti Strateġiċi qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 3828 Tabella li turi tagħrif dwar in-nefqa f'reklami fuq online portals mid-dekasteru li għalih hi responsabbli l-Ministru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u Proġetti Strateġiċi fil-perjodu bejn Jannar u Ġunju 2024, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 17937;

f'isem il-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 3829 Tagħrif dwar entitajiet, aġenziji u awtoritajiet li għandhom CEO, fid-dekasteru li għalih hu responsabbli l-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 18987;

P.L. 3830 Tagħrif dwar in-numru ta' ħaddiema tal-kuntrattur li jaħdmu fil-faċiltajiet tal-Wasteserv maqsuma skont is-sit/faċilità, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 19320;

f'isem il-Ministru għall-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 3831 Site plan enumerat SS5473 li juri encroachment ta' ħanut partikolari fi Triq ix-Xatt, il-Gzira, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 19347;

f'isem il-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 3832 Tabella li turi n-numru ta' persuni sal-età ta' sittax-il sena li attendew id-Dipartiment tal-Emerġenza tal-Isptar Mater Dei fl-2023 minħabba self-harm jew ħsibijiet ta' self-harm, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 18397;

P.L. 3833 Tagħrif dwar mediċini li jingħataw mill-POYC għall-persuni li għandhom il-kundizzjoni ta' Hirschsprung's disease, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 19431; u

f'isem il-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 3834 Korrezzjoni għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari numru 18975 dwar nefqa fuq fjuri għal funerali, li ngħatat fis-seduta 244 tal-10 ta' Ġunju 2024.

## KUMITATI PERMANENTI

L-Ispeaker informa lill-Kamra li skont paragrafu (4) tal-artikolu 120B tal-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra, fil-laqgħa ta' dakinhar tal-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra, l-Onor. Davina Sammut Hili ssostitwixxiet lill-Onor. Glenn Bedingfield u fil-laqgħa tal-Kumitat Permanenti dwar dwar il-Kontijiet tal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika, l-Onor. Cressida Galea kellha tkun qed tissostitwixxi lill-Onor. Glenn Bedingfield.

## FTEHIM TAL-KAMRA

L-Ispeaker informa lill-Kamra li skont ftehim milħuq, il-Kamra kellha tgħaddi għall-ewwel tliet items tal-aġenda taħt l-Ordnijiet tal-Ġurnata, u wara tgħaddi għall-Mozzjoni Nru 236 li kienet tidher fuq l-aġenda.

## ORDNIJIET TAL-ĠURNATA

L-Iskrivan tal-Kamra qrat l-Ordnijiet tal-Ġurnata.

### 1. ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA L-ATT DWAR L-AWTORITÀ TAL-INNOVAZZJONI DIĠITALI TA' MALTA – ABBOZZ NRU 95

Il-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali, l-Onor. Owen Bonnici, f'isem il-Ministru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u Proġetti Strateġiċi, ippropona t-Tielet Qari tal-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar l-Awtorità tal-Innovazzjoni Diġitali ta' Malta.

Il-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol, l-Onor. Byron Camilleri, issekonda.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con. u l-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "ATT sabiex jemenda l-Att dwar l-Awtorità tal-Innovazzjoni Diġitali ta' Malta, Kap. 591 u sabiex jipprovdi għal materji oħra anċillari jew konsegwenzjali għalih" inqara t-tielet darba u għadda.

## 2. ABBOZZ TA’ LIĠI LI JEMENDA LIĠIJIET VARJI DWAR IL-KIRJIET RESIDENZJALI PRIVATI – ABBOZZ NRU 87

Il-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali, l-Onor. Owen Bonnici, f’isem il-Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli, ippropona t-Tielet Qari tal-Abbozz ta’ Liġi li jemenda Liġijiet Varji dwar il-Kirjiet Residenzjali Privati.

L-Onor. Naomi Cachia ssekondat.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con. u l-Abbozz ta’ Liġi msejjaħ “Att sabiex jemenda liġijiet varji dwar il-kirjiet residenzjali privati u sabiex jagħmel dispożizzjonijiet anċillari u konsegwenzjali għalihom.” inqara t-tielet darba u għadda.

## 3. ABBOZZ TA’ LIĠI LI JEMENDA L-ATT DWAR IL-PATRIMONJU KULTURALI – ABBOZZ NRU 79

Il-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali, ippropona t-Tielet Qari tal-Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Att dwar il-Patrimonju Kulturali.

Is-Segretarju Parlamentari għax-Xogħlijiet Pubbliċi, l-Onor. Omar Farrugia, issekonda.

Meta l-Ispeaker qiegħed il-mistoqsija fuq it-Tielet Qari ta’ dan l-Abbozz ta’ Liġi ntalbet votazzjoni, liema votazzjoni kellha tittieħed f’seduta li tiġi stabbilita skont il-mozzjoni ta’ proċedura numru 87.

## FTEHIM TAL-KAMRA

Il-Whip tal-Gvern, l-Onor. Naomi Cachia, informat lill-Kamra li kif ġie miftiehem fil-laqgħa tal-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra li saret nhar it-Tnejn 10 ta’ Ġunju 2024, is-seduta tal-għada, it-12 ta’ Ġunju 2024, kellha tibda fid-9.00 a.m, il-ħin tal-mistoqsijiet ikun sad-9.30 a.m, il-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol ikun f’12.00 p.m. u l-ħin tal-aġġornament jittieħed san-12.30 p.m.

## MOZZJONIJIET

### ESTIMI TA' DĦUL U NFIQ TA’ JOBSPLUS GĦAS-SENA 2024 - MOZZJONI 236

Il-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, u x-Xogħol, l-Onor. Byron Camilleri, ippropona:

Illi l-Kamra tapprova l-Estimi ta’ Dħul u Nfiq ta’ Jobsplus għas-sena finanzjarja mill-1 ta’ Jannar 2024 sal-31 ta’ Diċembru 2024, skont l-Att dwar is-Servizzi ta’ Impjieg u Taħriġ, Kap. 594.

L-Onor. Naomi Cachia ssekondat.

L-Ispeaker informa lill-Kamra li d-diskussjoni fuq din il-mozzjoni kellha tieħu seduta waħda, il-ħin jinqasam indaqs bejn kelliema tal-Gvern u kelliema tal-Oppożizzjoni, bil-ftuħ u l-għeluq mill-Gvern.

Fid-diskussjoni ħadu sehem l-Onor. Byron Camilleri, l-Onor. Ivan J. Bartolo, l-Onor. Carmelo Abela, l-Onor. Ivan Castillo u l-Onor. Ray Abela.

Meta d-Deputy Speaker, l-Onor. David Agius, għadda biex iqiegħed il-mistoqsija fuq il-mozzjoni kif imressqa mill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, u x-Xogħol, intalbet votazzjoni li kellha tittieħed f'seduta li tiġi stabbilita skont il-mozzjoni ta' proċedura numru 87.

**TQEGĦID TA' KARTI**

Bil-permess tal-Kamra, il-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, u x-Xogħol, l-Onor. Byron Camilleri, f'isem il-Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 3835 Tabella li turi tagħrif dwar in-nefqa f'reklami fuq online portals mid-dekasteru li għalih hu responsabbli l-Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar fil-perjodu bejn l-24 ta' Jannar u t-30 ta' April 2024, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 17939.

Fis-6.41 p.m. il-Kamra qablet li l-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol ikun dak il-ħin u li jitressaq l-aġġornament.

**AĠĠORNAMENT**

Il-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, u x-Xogħol, l-Onor. Byron Camilleri, ippropona l-Aġġornament tal-Kamra għal nhar l-Erbgħa, 12 ta' Ġunju 2024, fid-9.00 a.m. b'din l-aġenda:

**Mozzjonijiet**

Estimi Finanzjarji tal-Awtorità Maltija għat-Turiżmu għas-Sena 2024

**Ordnijiet tal-Ġurnata**

| | |
|---|---|
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar Kunsill għall-Maltin li Jgħixu Barra minn Malta | Tieni Qari (Kont.) |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 5) | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 6) | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Ċivili | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Ċivili (Emenda Nru 2) | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi dwar it-Twaqqif ta' Kumitat għar-Rakkomandazzjonijiet ta' Miżuri għall-Ħarsien ta' Ġurnalisti, Persuni oħra b'irwol fil-Midja u Persuni fil-Ħajja Pubblika | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kostituzzjoni ta' Malta | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda Diversi Liġijiet dwar il-Protezzjoni tal-Midja u tal-Ġurnalisti | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi dwar il-Monitoraġġ Elettroniku | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Vjolenza Abbażi ta' Ġeneru u Vjolenza Domestika | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi dwar l-Aġenzija dwar is-Suq tal-Proprjetà | Tieni Qari |

Abbozz ta' Liġi li jħassar l-Ordinanza dwar il-Lebbrużi
u r-Regolamenti dwar il-Lebbrużi — Tieni Qari

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar l-Identità tal-Ġeneru, l-Espressjoni tal-Ġeneru
u l-Karatteristiċi tas-Sess — Tieni Qari

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Patrimonju Kulturali — Tielet Qari (Votazzjoni)

Estimi tal-Awtorità għall-Protezzjoni ta' Embrijuni għas-sena finanzjarja 2024 — Votazzjoni

Estimi tal-Awtorità tad-Djar għas-sena finanzjarja 2024 — Votazzjoni

Estimi ta' Patrimonju Malta u tas-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali għas-sena
finanzjarja 2024 — Votazzjoni

Estimi ta' Jobsplus għas-sena finanzjarja 2024 — Votazzjoni

----

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Kummissarji
għall-Ġustizzja — Kumitat Permanenti

Il-ħin tal-aġġornament ittieħed min-naħa tal-Oppożizzjoni mill-Onor. Janice Chetcuti u mill-Onor. Joe Giglio.

Fis-6.57 p.m. id-Deputy Speaker avża li l-Kamra ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa, 12 ta' Ġunju 2024, fid-9.00 a.m. bl-aġenda kif komunikata mill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol.

**ELEANOR SCERRI**
**SKRIVAN TAL-KAMRA**

**KONFERMATI**

**ONOR. ANĠLU FARRUGIA**
**SPEAKER**